MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 304/2008

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 1994, u f'dan iz-zwieg twieldet tifla; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak ta' l-attrici, fit-termini tal-paragrafi [a] u [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut huwa kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u noti t' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-4 ta' Gunju 1994 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut baqa' m'ghamel ebda risposta pero pprezenta nota t'osservazzjonijiet fejn qabel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghalkemm jikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 1994 meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 22 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa 6 snin. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fit-12 ta' Settembru 1998.

L-attrici tistqarr li hija izzewget "*mhux ghax habbejtu vera biex nehles mid-dar il-verita`*"[1]. Jidher li missier l-attrici kien ragel dominanti hafna u wliedu kienu jibzghu minnu sa tali punt li kien isawwathom. Oht l-attrici sostniet li hija kienet tara li l-attrici ma kinitx kuntenta mal-konvenut u li dana z-zwieg ma kienx ser jahdem izda minhabba l-biza` ta' missierhom hija dejjem qadet lura u ma qalet xejn lill-ohtha[2].

[1] Vide fol. 41 tal-process.
[2] Vide fol. 25 u 26 tal-process.

Illi l-attrici minn qabel iz-zwieg taghha riedet thassar izda missiera pprojbielha milli taghmel dan "*lejliet it-tieg , kien il-hamis, kissiert il-qoffa li konna qed naghmlu l-fjuri u hekk u ohti qaltli din ghalfejn fqajtha, ghidtilha ghax jien ma rridx nizzewweg, ghidtilha ha mmur hdejn il-pa` u ha nghidlu. Qalli le, qalli issa la dahal hawnhekk dak qalli trid tizzewweg.*"[3]. Sonia Magro oht l-attrici tghid ukoll fl-affidavit taghha li kliem missierhom "*kien dejjem ikun li 'rrid niltaqa' man-nies u ma jkollhiex unuri mcappas minhabba binti... missieri kien ta' l-idea li la kien dahhal ragel id-dar tieghu hadt ma seta` jidhol aktar (minhabba ghan in-nies)*".

Illi min-naha tal-konvenut jirrizulta lid an kellu tendenzi effemitati[4] u dan innutawh anke membri tal-familja ta' l-attrici u hut l-attrici subien esperjenzaw anke fastidju mill-konvenut[5] . Waqt iz-zwieg, kien hemm episodju meta l-attrici rritornat lura kmieni u l-konvenut ma kienx qed jistenniha, hija sabitu ma' ragel iehor f'pozizzjoni komprometttenti fil-kamra tas-sodda taghhom[6]. Dan kien habib tal-konvenut li ta' sikwiet kien ikun id-dar taghhom jara xi partita tal-ballun u li anke ta x-xhieda tieghu li kellu relazzjoni mal-konvenut li damet is-snin waqt li l-istess konvenut kien mizzewweg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attrici l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [a] ta' l-artikolu precitat, stante li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg minhabba biza` li hija kellha minn missierha u mhux ghax fil-fatt riedet tizzewweg lill-konvenut. Inoltre, tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19 [1] tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-fatt li l-partijiet m'gharrfux l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienu inkapaci jghixu flimkien, f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

---

[3] Vide gol. 41 tal-process.
[4] Vide fol 25 u 26 tal-process.
[5] Vide xhuda ta' Stephen Farrugia fol. 75 et seq.
[6] Vide fol. 39 tal-process.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-4 ta’ Gunju 1994.

L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwonti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------